# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru : 278/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**SI**

**Vs**

**EI**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SI datat 26 ta' Awwissu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu lil xulixn fis-sebgha (7) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988), hekk kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala dokument A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal bl-ismijiet ta' KI illi twieled f'X u VI f'Y.*

3. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u prcizament mill-bidu ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Sussegwentement huma gew de jure separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Camilleri datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress illi minn barra illi ilhom snin twal mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi l-esponenti u l-intimat kienu ddekadew mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

6. *Illi stante illi wlied il-partijiet ghalqu l-eta maggorenni ta' tmintax-il sena l-ebda manteniment m'ghadu dovut lill-istess ulied mill-intimat.*

7. *Illi l-esponenti tixtieq illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiexm fiz-zmien moghti lili ghal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' EI, datata 12 ta' Novembru 2020, a fol 30 li permezz taghha iddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju u li ma ghandux ibghati l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Rat l-affidavits bil-gurament;

Ezaminati ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SI** xehdet (vide affidavit fol 24) illi hija zzewwget lil EI nhar is-7 ta' Awwissu 1988 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, it-tnejn li huma maggorenni. Xedhet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet issepraw permezz ta kuntratt ta separazzjoni f'atti tan-Nutar Dottor Liza

Camilleri datatat 27 ta' Dicembru 2007. Sostniet illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment, dana peress li l-ewwel wild ghandu l-eta tieghu u jahdem, filwaqt li it-tieni wild, ghalkemm ghadha qed tistudja gia ghalqet it-23 sena. L-attrici iddikjarat illi mis-separazzjoni sal-lum, hija qatt ma rrikonciljat ma zewgha u ma hemmx tama tal-istess filwaqt li llum huma qed jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Finalment l-attrici ddikjarat illi tixtieq tirriverti ghal kunjom l-*istep father* taghha, cioe' 'C'.

**EI** xehed (vide affidavit fol 31) illi hu u l-attrici isseparaw b'kuntratt datata 27 ta' Dicembru 2007. Di piu, iddikjara illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u ma hemm ebda tama jew possibilita' ta' rikonciljazzoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Awwissu 1988 li ghandu n-numru ta' registrazzjoni 1387/1988 (Vide Dok A fol 4) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni u ghandhom 'l fuq minn 23 sena.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri, datat 27 ta' Dicembru 2007 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar minn erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici uriet ix-xewqa li tirriverti ghal kunjom it-tieni ragel ta' ommha, cioe', 'Callus', ebda talba f'dan is-sens ma saret minnha formalment. Di piu', it-talba m'hijiex legalment sostenibbli.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg ghandu certifikat numru 1387/1988 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**